

Brussell, 16 ta' April 2015
(OR. en)

8001/15

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0081 (NLE)

MAR 47
TRANS 131

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	16 ta' April 2015
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2015) 159 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Komitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2015) 159 final.

Mehmuż: COM(2015) 159 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.4.2015
COM(2015) 159 final

2015/0081 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Komitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-reġim tal-UE dwar il-kontroll tal-Istat tal-port (PSC) huwa stipulat fid-Direttiva 2009/16/KE¹ (kif emendata), li fasslet mill-ġdid u rrinfurzat il-leġislazzjoni preċedenti tal-UE f'dan il-qasam, li ilha fis-seħħ mill-1995. Ir-reġim tal-UE huwa bbażat fuq l-istruttura li kienet teżisti qabel tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi (PMoU) dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port li ilu jeżisti mill-1982. Id-Direttiva 2009/16/KE (kif emendata) tinkludi l-proċeduri u l-għodod tal-PMoU. L-Istati Membri kostali kollha tal-UE kif ukoll il-Kanada, ir-Russja, il-Kroazja, l-Iżlanda u n-Norveġja huma membri tal-PMoU. L-Unjoni Ewropea mhijiex Membru tal-PMoU.

Mill-1 ta' Jannar 2011, hemm fis-seħħ reġim ġdid ta' spezzjoni (NIR) għall-Kontroll tal-Istat tal-Port, kemm fl-UE kif ukoll fl-oqfsa tal-PMoU. Sabiex jiffunzjona NIR, ċertu numru ta' deċiżjonijiet iridu jittieħdu kull sena fil-kuntest tal-PMoU. Dawn id-deċiżjonijiet jittieħdu b'kunsens, fl-avveniment annwali "Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port" (PSCC) li jiltaqa' f'Mejju ta' kull sena. Bis-saħħa tad- Direttiva 2009/16/KE d-deċiżjonijiet meħuda mill-korp kompetenti xieraq tal-PMoU isiru vinkolanti fuq l-Istati Membri tal-UE.

Skont l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni f'Organizzazzjonijiet Internazzjonali bħall-PMoU meta dawn jintalbu jadottaw atti li jkollhom effetti legali, għandha tiġi adottata permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni.

Huwa propost li l-pożizzjoni tal-UE għall-PSCC tiġi stabbilita skont approċċ fuq żewġ livelli. Deċiżjoni tal-Kunsill tistipula l-prinċipji ta' gwida u l-orjentazzjonijiet tal-pożizzjoni tal-Unjoni fuq bażi multiannwali, filwaqt li minn hemm 'il quddiem, din tiġi aġġustata għal kull laqgħa annwali tal-PSCC permezz tad-dokumenti informali tal-Kummissjoni li jridu jiġu diskussi mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar it-Tbaħħir. Din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni għall-PSCC għall-perjodu 2015-2018. Barra minn hekk, għandha l-għan li tinkorpora l-prinċipji u l-orjentazzjonijiet ta' politika tal-Unjoni Ewropea biex ittejjeb is-sikurezza marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis u l-kundizzjonijiet tal-ġhajxien u tax-xogħol abbord. Il-pożizzjoni tal-Unjoni tqis ukoll id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Liżbona.

Il-Kummissjoni tipproponi dan l-approċċ minħabba l-karatteristiċi tal-proċess deċiżjonali tal-PMoU. Ir-regoli interni tal-PMoU jiffissaw bħala l-aħħar data għas-sottomissjoni ta' kwalunkwe dokument mill-membri tiegħu u minn task forces inkarigati bl-iżvilupp ta' linji gwida u struzzjonijiet sitt ġimgħat qabel il-laqgħa tal-PSCC. Huwa biss f'dak il-punt li s-sottomissjonijiet kollha jkunu disponibbli u l-Kummissjoni tkun tista' tibda l-analiżi tagħha bil-ħsieb li tittejjja proposta għal pożizzjoni kkordinata tal-Unjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE li għandha mbagħad tiġi adottata mill-Kunsill. Billi f'it hemm żmien disponibbli għal din l-analiżi, għat-tħejjija tal-proposta tal-Kummissjoni u għall-adozzjoni mill-Kunsill, il-proċess għall-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni huwa f'fissat fl-Anness II. Id-Deċiżjoni li ġejja għandha tkopri l-perjodu 2015-2018.

¹ Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

2. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Id-Deċiżjoni li ġejja hija bbażata fuq it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari fuq l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) li jipprevedi li, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'korp stabbilit permezz ta' ftehim meta dak il-korp jintalab jadotta atti b'effetti legali. Dan għandu japplika għall-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Istati Membri, f'isem l-Unjoni, fil-PSCC tal-PMoU.

Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-port (kif emendata) hija l-bażi legali li tistabbilixxi l-prinċipji li għandhom jiġu osservati mill-Istati Membri fi ħdan il-PSCC tal-PMoU.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Is-sikurezza marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis u l-kundizzjonijiet tal-ġhajxien u tax-xogħol abbord jistgħu jittejjbu bi tnaqqis drastiku tal-vapuri substandard mill-ibħra tal-Unjoni Ewropea, billi jiġu applikati b'mod strett Konvenzjonijiet, kodiċijiet u riżoluzzjonijiet internazzjonali.
- (2) Filwaqt li r-responsabbiltà primarja għall-monitoraġġ tal-konformità tal-vapuri mal-istandards internazzjonali għas-sikurezza, il-prevenzjoni tat-tniġġis u l-kundizzjonijiet tal-ġhajxien u tax-xogħol abbord hija f'idejn l-Istat tal-bandiera, ir-responsabbiltà għaż-żamma tal-kundizzjoni tal-vapur u t-tagħmir tiegħu, wara s'f'idejn biex ikun hemm konformità mal-ħtiġijiet tal-Konvenzjonijiet applikabbli għall-vapur, hija tal-kumpanija tal-vapur. Madankollu, kien hemm nuqqas serju min-naħa ta' numru ta' Stati tal-bandiera meta ġew biex jimplimentaw u jinfurzaw l-istandards internazzjonali.
- (3) Għaldaqstant, minn issa 'l quddiem, bħala t-tieni linja ta' difiża kontra t-tbaħħir substandard, il-monitoraġġ tal-konformità mal-istandards internazzjonali għas-sikurezza, għall-prevenzjoni ta' tniġġis u għall-kundizzjonijiet tal-ġhajxien u tax-xogħol abbord għandu wkoll jiġi żgurat mill-Istat tal-port, waqt li jkun rikonoxxut li l-ispezzjoni ta' kontroll mill-Istat tal-port mhijiex s'f'idejn u l-formoli rilevanti tal-ispezzjoni mhumiex ċertifikati ta' adegwatezza għat-tbaħħir. Approċċ armonizzat għal infurzar effettiv ta' dawn l-istandards internazzjonali mill-Istati Membri kostali tal-UE dwar vapuri li jbaħħru taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom u jużaw il-portijiet tagħhom għandu jevita distorzjonijiet tal-kompetizzjoni.
- (4) Id-Direttiva 2009/16/KE² (kif emendata), tistabbilixxi r-reġim tal-UE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port billi tifformula mill-ġdid u tirrinforza l-leġiżlazzjoni preċedenti tal-UE f'dan il-qasam, li ilha fis-seħħ mill-1995. Ir-reġim tal-UE huwa bbażat fuq l-

² ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57

istruttura li kienet teżisti qabel il-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port, li huwa organizzazzjoni internazzjonali li ilha teżisti mill-1982.

- (5) Fir-rigward tal-Istati Membri tal-UE, id-Direttiva 2009/16/KE iġġib b'mod effettiv il-proċeduri, l-għodod u l-ħidma tal-PMoU dwar il-kontroll mill-Istat tal-Port fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-UE. Bis-saħħa tad-Direttiva 2009/16/KE d-deċiżjonijiet meħuda mill-korp kompetenti xieraq tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istati tal-Port isiru vinkolanti fuq l-Istati Membri tal-UE.
- (6) Il-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port jiltaqa' kull sena u matul id-deliberazzjonijiet tiegħu jiddeċiedi dwar numru ta' punti fuq l-aġenda meħtieġa għat-tħaddim tad-Direttiva 2009/16/KE.
- (7) Skont l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali meta dawn jintalbu jadottaw atti li jkollhom effetti legali, għandha tiġi adottata permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni.
- (8) Ir-regoli interni tal-PMoU jiffissaw l-aħħar data għas-sottomissjoni ta' kwalunkwe dokumenti mill-membri tiegħu u minn task forces inkarigati bl-iżvilupp ta' linji gwida u struzzjonijiet sitt ġimgħat qabel il-laqgħa tal-PSCC. Huwa biss f'dak il-punt li s-sottomissjonijiet kollha jkunu disponibbli u l-Kummissjoni tkun tista' tibda l-analiżi tagħha bil-ħsieb li ttejjji proposta għal pożizzjoni kkordinata tal-Unjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE. Peress li ż-żmien disponibbli għal din l-analiżi u għall-adozzjoni ta' proposta huwa qasir, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti prinċipji ta' gwida u orjentazzjonijiet tal-pożizzjoni tal-Unjoni fuq bażi multiannwali, flimkien mal-qafas għall-ispeċifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni minn sena għal sena.
- (9) Din id-Deċiżjoni għandha tkopri l-perjodu 2015-2018.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port annwali tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port meta dak il-korp jintalab jadotta deċiżjonijiet li għandhom effetti legali, hija stipulata fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni minn sena għal sena li għandha tittieħed fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port għandha ssir b'konformità mal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stipulata fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, tiġi riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-laqgħa annwali tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port fl-2018.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*